

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Kumitat għall-Baġit*

***PROCÈDURA BAĠITARJA 2007***

15.3.2007

## **DOKUMENT TA' ĦIDMA**

dwar il-valur tal-flus minfuqa fit-twettiq tal-baġit

Kumitat għall-Baġit

Rapporteur: James Elles

## Introduzzjoni

Dan id-dokument ta' ħidma juri l-mudell propost mir-rapporteur ġenerali tal-baġit 2007 biex jinkiseb valur għall-flus fil-kuntest tat-twettiq tal-baġit 2007. Il-mudell jaqbel mal-kunċett li kien parti importanti mix-xogħol tal-Parlament Ewropew fuq il-baġit 2007.

Il-bażi għal dan id-dokument ta' ħidma hija l-istqarrija konġunta tal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni li tassigura t-twettiq xieraq tal-baġit, li kienet miftiehma fil-konċiljazzjoni tat-28 ta' Novembru 2006 fuq il-baġit 2007 u annessa mar-risoluzzjoni tal-Parlament fit-tieni qari dwar il-baġit 2007 (ara l-anness I).

### 1. X'inhuma l-partijiet essenzjali ta' l-istqarrija?

L-elementi ewlenin ta' l-istqarrija konġunta huma dawn li ġejjin:

- *"L-għan ta' dan il-mudell huwa biex jevalwa u jassessja l-aspetti kwantitattivi u kwalitattivi ta' kull programm ta' l-UE. F'dan il-kuntest, l-evalwazzjoni tal-programmi ta' l-UE għandha ssir element qawwi ta' interess għall-istituzzjonijiet involuti fil-proċedura tal-baġit annwali."*
- *"Iż-żewġ Istituzzjonijiet jaqblu li jieħdu l-passi meħtieġa rigward it-titjib tal-monitoraġġ tat-twettiq tal-baġit permezz ta' proċess li juża t-tagħrif kollu disponibbli minn Jannar 2007 li miegħu l-kumitati kollha tal-Parlament Ewropew se jkunu assoċjati."*
- *"Il-Parlament Ewropew jinrabat li jagħmel użu aħjar tat-trasferimenti u baġits ta' emenda bħala strumenti ta' skrutinju tat-twettiq tal-baġit matul is-sena rigward il-prijoritajiet tal-Parlament u l-prerogattivi interistituzzjonali tiegħu."*
- *"Ir-riżultati ta' dan il-proċess deġġiem se jkunu s-suġġett ta' qsim ta' ideat f'kull dibattitu bejn tlieta kif mistenni fl-Anness II tal-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006."*

### 2. Kif għandha tiġi ttrattata s-sustanza ta' dawn il-punti?

Għadd ta' passi diġà ttieħdu biex tittejjeb l-evalwazzjoni tal-programmi ta' l-UE u biex jittejjeb il-monitoraġġ matul it-tnejn tal-baġit 2007. B'żieda ma' l-istqarrijiet dwar il-ħidma li l-Kummissjoni ttiprovdi fuq kull wieħed mill-oqsma tal-politika tagħha bħala parti mill-abbozz ta' baġit preliminari (ABP), ix-xogħol tar-rapporteur ġenerali enfasizza erba' sorsi ewlenin ta' tagħrif għal dan ix-xogħol ta' monitoraġġ u evalwazzjoni: ir-Rapporti Speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri; ir-Rapporti ta' Sintesi ta' l-immaniġġjar tar-riżorsi finanzjarji tal-Kummissjoni; studji dwar il-prezz u l-benefiċċji miksuba; il-Budget Forecast Alert.

Dawn is-sorsi ta' informazzjoni, flimkien ma' dawk konnessi max-xogħol tal-Kumitat dwar il-Kontroll tal-Baġit, jistgħu u għandhom jintużaw b'mod aktar intensiv mill-Parlament biex jidentifika linji tal-politika dgħajfa u programmi fejn l-infiq ta' UE hu baxx.

Il-linji tal-baġit dgħajfa (ara l-Anness III) identifikati b'dan il-mod jistgħu jservu bħala bażi għal aktar studji dwar il-prezz-benefiċċju miksub, b'rabta mal-mudell użat fit-tnejn tal-baġit ta' l-2007. Dawn l-istudji jistgħu jkunu kkummissjonati mill-Kumitat għall-Baġit sabiex ir-riżultati jkunu disponibbli fi żmien tajjeb ħalli jinfluwenzaw il-mudell tal-Parlament għall-ewwel qari tiegħu f'Ottubru.

Biex ikun assigurat l-involvement sħiħ tal-membri tal-kumitat f'dan il-proċess, huwa propost li r-"**rapporteurs ta' wara l-proċess**" għandhom jinħatru u jkunu responsabbli għall-monitoraġġ ta' linji tal-baġit simili. Huma mbagħad għandhom jagħtu sehemhom fl-għoti ta' pariri lir-rapporteur ġenerali tal-baġit u r-rapporteurs fil-kumitati speċjalizzati biex jagħmlu użu aħjar tat-trasferimenti u tal-baġits ta' emenda ħalli jtejbu l-evalwazzjoni u l-assessjar tal-baġit ta' l-UE permezz ta' skrutinju akbar ta' kull waħda mill-proposti tal-Kummissjoni.

### **Kif jistgħu jkunu ssimplifikati l-aspetti proċedurali?**

Matul it-tnejn tal-baġit ta' l-2007, saru sforzi qawwija biex ikunu nvoluti r-rapporteurs tal-baġit ta' kull wieħed mill-kumitati speċjalizzati tal-Parlament. Dan ippermetta lill-Parlament li jimxi b'mod kożiv u koerenti fid-diskussjonijiet bejn it-tliet partijiet involuti u l-konċiljazzjonijiet mal-Kunsill. L-istqarrija konġunta enfasizzat ukoll l-importanza li jkunu nvoluti l-kumitati speċjalizzati kollha tal-Parlament fl-isforzi biex jitjieb il-valur għall-flus minfuqa fil-baġit.

Huwa ssuġġerit li dan is-suġġett għandu jizjed ma' l-aġendi tal-laqgħat tradizzjonali bejn ir-rapporteur tal-baġit ta' l-2008 u rapporteurs tal-baġit ta' kumitati speċjalizzati f'Ġunju u Settembru ta' l-2007. Biex jinbeda dan il-proċess, ir-rapporteur ġenerali tal-baġit jipproponi laqgħa addizzjonali mar-rapporteur tal-baġit ta' l-2007 u l-2008 li għandha tkun organizzata f'Marzu ta' l-2007 biex ikun ikkonsolidat il-progress li sar matul l-2006. Se jkun jiddependi mill-membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit li jiddeċiedu kif jixtiequ jipparteċipaw f'dan il-proċess.

Dawn il-laqgħat mar-rapporteur tal-baġit mill-kumitati speċjalizzati jistgħu jintużaw biex jittejjja l-iskambju ta' ideat dwar it-tweġġiq tajjeb tal-baġit mistenni f'kull diskussjoni bejn it-tliet partijiet involuti fl-istqarrija konġunta ta' Novembru ta' l-2006.

L-Anness II ta' dan id-dokument ta' ħidma jfassal kalendarju ta' avvenimenti possibbli, li jżidu aktar laqgħat tradizzjonali tal-proċedura tal-baġit.

## **Anness I - Stqarrija konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni biex tiżgura twettiq sew tal-baġit**

- Sar qbil dwar dan it-test fil-kuntest tal-laqgħa konċiljatorja dwar il-baġit ta' l-2007 li saret fit-28 ta' Novembru 2006 u annessa mar-riżoluzzjoni tat-tieni qari dwar il-baġit ta' l-2007.

-----

*Fil-qafas tal-proċedura tal-baġit il-Parlament u l-Kummissjoni jenfasizzaw il-bżonn għall-valur aħjar tal-flus fil-baġit ta' l-UE u huma ta' l-opinjoni li dan il-kunċett għandu jiġi applikat fuq bażi permanenti. L-għan ta' dan il-mudell huwa biex jevalwa u jassessja l-aspetti kwantitattivi u kwalitattivi ta' kull programm ta' l-UE.*

*F'dan il-kuntest, l-evalwazzjoni tal-programmi ta' l-UE għandha ssir element qawwi ta' interess għall-istituzzjonijiet involuti fil-proċedura annwali tal-baġit.*

*Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jfakkru li l- Activity Based Management (ABM) se toffri opinjoni integrata tar-rendiment u ta' l-ispejjeż fil-politika ta' oqsma differenti li jinkludu kemm ir-riżorsi operazzjonali u dawk amministrattivi.*

*Iż-żewġ Istituzzjonijiet jaqblu li jieħdu l-passi meħtieġa rigward it-titjib tal-monitoraġġ tat-twettiq tal-baġit permezz ta' proċess li juża t-tagħrif kollu disponibbli minn Jannar 2007 li miegħu l-komitati kollha tal-Parlament Ewropew se jkunu assoċjati. Il-Parlament Ewropew jintrabat li jagħmel użu aħjar tat-trasferimenti u baġits ta' emenda bħala strumenti ta' skrutinju għat-twettiq tal-baġit matul is-sena fir-rigward tal-prijoritajiet tal-Parlament u l-prerogattivi interistituzzjonali tiegħu.*

*Ir-riżultati ta' dan il-proċess dejjiemi se jkunu s-suġġett ta' skambju ta' ideati f'kull dibattitu bejn tlieta kif mistenni fl-Anness II tal-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.*

*Dan l-eżerċizzju għandu l-għan li jiżgura li l-politiki ffinanzjati mill-baġit ta' l-UE jikseb l-aħjar valur għall-flus għaċ-ċittadini Ewropej u jwieġeb għall-isfidi li l-Unjoni Ewropea qed tiltaqa' magħhom waqt li qed tagħti l-aħjar allokkazzjoni għall-fondi ta' l-UE.*

## **Anness II - Elementi tal-proċedura annwali**

### **PROĊEDURA ANNWALI POSSIBBLI**

#### **Fażi I Tfassil tal-qafas**

- Marzu            Identifika linji/ programmi bbażati fuq prioritajiet ta' l-PE waqt laqgħat ma' rapporteurs ta' kumitati speċjalizzati tal-baġit
- April            Tnedija ta' studji dwar ta' linji/programmi magħżula tal-baġit
- Mejju - Settembru    Tnedija ta' xogħol ta' gruppi ta' monitoraġġ (ara l-Anness III)

#### **Fażi II Analiżi u valutazzjoni**

Sorsi ta' tagħrif jinkludu:

- Mejju            Dokument ta' Ħidma dwar ABP
- Ġunju            Budget Forecast Alert (Aġġornament tar-Rebbiegħa)
- Lulju            Riżultati ta' l-istudji
- Lulju            Seduti ta' Smiġħ dwar linji/programmi li jinvolve kumitati speċjalizzati

#### **Fażi III It-Tagħrif imqiegħed biex jinħadem**

- Settembru        Jista' jingħata rapport dwar Budget Forecast Alert
- Ottubru          Budget Forecast Alert (Aġġornament tal-Ħarifa)
- Ħarifa            Użu tar-riżultati ta' l-analiżi u s-seduti tas-smiġħ ta' l-approċċ tal-Parlament lejn l-ewwel u t-tieni qari tal-baġit

### **Anness III - Suġġetti magħżula għall-gruppi ta' monitoraġġ**

1. Riċerka fil-qasam ta' l-enerġija u t-trasport
2. Strateġija u koordinament tal-politika agrikola
3. Politika komuni għall-immigrazzjoni u l-ażil
4. European Instrument for Democracy and Human Rights (EIDHR)
5. Tinkoraġġixxi Programm ta' Intraprenditorija/Kompetittività' u Innovazzjoni (CIP)